# Ġ 4.2 IT-TEMP



**Ġ4.2.4**

Nesploraw kif ikun it-temp tipiku ta' staġuni differenti fil-Gżejjer Maltin.

## A. Aqra dan li ġej biex tara kif jaffettwana t-temp.

It-temp għandu x'jaqsam mal-irjieħ u l-istaġuni.

1. Kif jaffettwana t-temp? Xi eżempji:

a) fil-ħwejjeġ li nilbsu, eż. Lbies oħxon, lbies ħafif, buz, sandli, 'raincoat'.

b) fl-ikel li nieklu, eż. Ikel sħun, 'salads', frott, xorb.

ċ) fid-divertiment u l-ħruġ, eż. Logħob barra, sports, 'playing field'.

d) fil-ħajja ta' kuljum, eż. tnixxif ta' ħwejjeġ, traffiku.

2. It-temp kif jaffettwa lill-bidwi?



a) Il-bdiewa – dejjem għassa għat-temp speċjalment jekk hix se tagħmel xita jew riħ. Ix-xita tkabbar il-prodotti. Jekk tagħmel ħafna xita żejda, tgħarraq il-prodotti u jekk tagħmel ftit ikollhom isaqqu. Ma ninsewx li l-ilma ġieri, l-ilma fil-bjar u fil-ġwiebi jiġi mix-xita.

b) Ħafna drabi r-riħ jaħraq jew ikisser il-prodotti tar-raba'.

3. It-temp u s-sajjieda: Is-sajjieda wkoll ifittxu t-temp għax f'ċertu rjieħ ma jkunux jistgħu joħorġu u ċerti rjieħ u maltemp ġieli jkissru l-opri tas-sajd.

## B. Wieġeb skont ir-rapport tat-temp:



**TEMP**: Imsaħħab bil-ħalbiet tax-xita.

**RIĦ**: Moderat għal qawwi mill-Majjistral

**TEMPERATURA**: 11-il grad Celsius

**Immarka t-tajbin:**

1. Ir-rapport tat-temp jurina li t-temp għal-lum se jkun (kiesaħ, xemxi, sħun, bnazzi).
2. X'ħin noħroġ barra se nilbes (T-shirt, xorts, ġakketta, sandli).
3. Ix-xahar huwa (Awwissu, Ġunju, Lulju, Frar).
4. Fis-sitta ta' filgħaxija se jkun (ġa dalam, għadu d-dawl, għadu qiegħed jidlam, għadu qiegħed jisbaħ).

## Ċ. Wieġeb billi taqta' sing taħt it-tajbin:

1. It-temperatura barra llum hija 5 gradi Ċelsius. X'taħseb li għamlet Rita?

   a) marret tgħum. b) libset ġakketta ħoxna.

   ċ) libset ix-xorts. d) libset is-sandli.

2. It-temperatura llum telgħet 30 grad Ċelsius. X'taħseb li għamlu t-tfal tal-klassi?

   a) xegħlu l-fannijiet.

   b) libsu l-kowtijiet.

   ċ) xegħlu l-ħiter.

   d) għalqu t-twieqi.



3. Fil-ħarifa bosta siġar li għandna Malta

a) iwaqqgħu z-zkuk kollha.  b) iwaqqgħu l-weraq tagħhom.

ċ) itellgħu l-weraq.  d) jiftħu l-fjuri.

4. Fis-sajf fejn taħseb li tara ħafna nies?

a) magħluqin ġewwa  b) maġenb il-baħar

ċ) fil-kampanja  d) ħdejn il-*fireplace*

**D. Imla l-vojt.**

1. It-temp jaslilna kuljum mill-uffiċju ______________________________ .
2. It-temp jinbidel skont l-i______________________________________.
3. Fis-sajf tagħmel ħafna sħana, ix-xemx tkun fil-għoli u l-ġurnata ____________________________________________________________.
4. F'Malta għandna klima ______________________________________.
5. Peress li Malta hija gżira fil-Mediterran, ikollna x-_____________ kważi s-sena kollha.
6. Ir-_____________ tax-xemx huma ta' periklu kbir għal _____________. Huwa importanti li nindilku b'_____________ u li nilbsu n-_____________ tax-xemx u _____________ f'rasna.

**E. Sib il-kelma li ma taqbilx u agħti l-kulur lill-kaxxa.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Sajf | Rebbiegħa | It-Tnejn | Xitwa |
| Kowt | Xorts | Boots | Xalla |
| Milied | L-Ewwel tas-Sena | l-Imnarja | Nawfraġju ta' San Pawl |
| Baħar | Għawm | Vaganzi | Skola |
| Silġ | Bard | Jannar | Għawm |

**F. Qabbel dawn is-sentenzi billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta.**

**Ara l-eżempju.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Ħwejjeġ ħoxnin, bħall-kowtijiet | | fl-istaġun tas-sajf. |
| 2. Biex inkun naf il-qawwa u d-direzzjoni tar-riħ | | la tagħmel ħafna sħana u lanqas ħafna bard. |
| 3. It-temp ikun kiesaħ, imsaħħab u bix-xita | | il-ġranet ikunu qosra. |
| 4. Fil-jiem tal-ħarifa u tar-rebbiegħa | | ikollna ħafna bard. |
| 5. Fin-naħa t'isfel tal-Mediterran bħal-Libja u l-Eġittu | | ikollna s-sħana. |
| 6. It-temp ikun sħun, ċar u xemxi | **1** | nilbsuhom l-iktar fl-istaġun tax-xitwa. |
| 7. Fil-ħarifa u fix-xitwa | | jinżel ħafna silġ. |
| 8. Meta t-temperatura tal-arja togħla | | fl-istaġun tax-xitwa. |
| 9. Meta t-temperatura tal-arja tinżel taħt l-10 gradi Celsius | | nisma' r-rapport tat-temp. |
| 10. Fin-naħat ta' fuq tal-Italja, fl-istaġun tax-xitwa | | tagħmel sħana qawwija fl-istaġun tas-sajf. |

